

Brussell, 24 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5394/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0140 (COD)

TRANS 20
MAR 9
MI 12
COMER 7
CYBER 7
ENFOCUSTOM 8
DATAPROTECT 10
CODEC 36

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija - Qbil politiku

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti mit-tielet pakkett "Ewropa Attiva", li hu mfassal biex jagħmel il-mobilità Ewropea aktar sikura, aktar nadifa, aktar effiċjenti u aktar aċċessibbli għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE.
2. L-objettiv ġenerali tal-proposta hu li jiġi stabbilit qafas legali uniformi għat-trasmissjoni tal-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija u b'hekk jikkontribwixxi għal aktar effiċjenza fis-settur tat-trasport.

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fis-sessjoni plenarja tas-17 ta' Ottubru 2018. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni dwar il-proposta.
4. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-rapport u adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2019. Sussegwentement, wara l-bidu tad-disa' leġislatura, is-Sur Andor DELI (PPE, HU) inġenar rapporteur f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN).
5. Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2019.
6. In-negozjati mal-Parlament Ewropew bdew fil-25 ta' Settembru 2019. It-tielet u l-aħħar trilogu informali sar fis-26 ta' Novembru 2019 fejn intlaħaq qbil proviżorju ġenerali.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina u approva t-test ta' kompromess proviżorju¹ fit-18 ta' Diċembru 2019.
8. Il-kumitat TRAN tal-Parlament Ewropew ivvota favur it-test ta' kompromess fil-21 ta' Jannar 2020. Sussegwentement, il-President tal-Kumitat TRAN tal-Parlament Ewropew indirizza ittra bid-data tat-23 ta' Jannar lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn stqarr li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari skont it-test meħmuż mat-tali ittra, hi tirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti.
9. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill japprova l-qbil politiku kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

¹ id-dokumenti 14793/1/19 REV 1, 14793/19 ADD 1 u 14793/1/19 REV 1 COR 1.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91[...]u 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

² ĠU C , , p. .

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-effiċjenza tat-trasport tal-merkanzija u tal-loġistika hija vitali għat-tkabbir u għall-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, għall-funzjonament tas-suq intern u għall-koeżjoni soċjali u ekonomika tar-reġjuni kollha tal-Unjoni.
- (1a) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jħeġġeġ id-diġitalizzazzjoni tat-trasport tal-merkanzija u tal-loġistika biex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi, jitjiebu l-kapaċitajiet ta' infurzar tal-awtoritajiet, u jitjiebu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tat-trasport.
- (2) Il-moviment tal-merkanzija, inkluż l-iskart, huwa akkumpanjat minn ammont kbir ta' informazzjoni li għadha tiġi skambjata f'format stampat, fost in-negozji u bejn in-negozji u l-awtoritajiet kompetenti. L-użu ta' dokumenti tal-karta jirrappreżenta piż amministrattiv sinifikanti għall-operatori loġistiċi u spiża addizzjonali għall-operatori loġistiċi u l-industriji relatati (bħall-kummerċ u l-manifattura), b'mod partikolari għall-SMEs, u għandu impatt negattiv fuq l-ambjent.

³ ĠU C , , p .

- (3) In-nuqqas ta' qafas legali uniformi fil-livell tal-Unjoni li jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jaċċettaw informazzjoni rilevanti dwar it-trasport tal-merkanzija, meħtieġa mil-leġislażzjoni, f'forma elettronika, hija r-raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' progress lejn is-simplifikazzjoni u ż-żieda fl-effiċjenza tal-mezzi elettroniċi. L-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-informazzjoni f'forma elettronika u bi speċifikazzjonijiet komuni mhux biss tiffaċilita l-komunikazzjoni bejniethom u mal-operaturi iżda, indirettament, ukoll l-iżvilupp ta' komunikazzjoni elettronika uniformi u simplifikata bejn negozju u ieħor fl-Unjoni kollha. Dan iwassal ukoll għal iffrankar ta' spejjeż amministrattivi sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi, u b'mod partikolari għall-SMEs, li jikkostitwixxu l-akbar maġġoranza tal-kumpanniji tat-trasport u tal-loġistika fi ħdan l-UE.
- (4) Xi oqsma tal-liġi tat-trasport tal-Unjoni jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti jaċċettaw informazzjoni diġitalizzata, iżda dan fil-biċċa l-kbira ma jirrigwardax il-leġislażzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli li jintużaw mezzi elettroniċi biex l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fit-territorju kollu tal-Unjoni u fir-rigward tal-fażijiet rilevanti kollha tal-operazzjonijiet tat-trasport imwettqa fl-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li dik il-possibbiltà tapplika għall-informazzjoni regolatorja kollha, fil-mezzi kollha tat-trasport.

- (5) L-awtoritajiet kompetenti għalhekk jenħtieġ li jkunu obbligati jaċċettaw l-informazzjoni disponibbli elettronikament kull meta l-operaturi ekonomiċi jkunu obbligati jagħmlu l-informazzjoni disponibbli bħala prova tal-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-atti tal-Unjoni koperti minn dan ir-Regolament. Dan ir-rekwiżit jenħtieġ li jkopri wkoll l-informazzjoni mitluba mill-awtoritajiet bħala informazzjoni addizzjonali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawk l-atti, meta pereżempju xi informazzjoni tkun nieqsa. L-istess jenħtieġ li japplika fejn il-leġislazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru teħtieġ l-għoti ta' informazzjoni regolatorja identika, kompletament jew parzjalment, għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont tali atti tal-Unjoni. L-awtoritajiet jenħtieġ li jagħmlu ħilithom ukoll biex jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-operaturi ekonomiċi kkonċernati b'rabta ma' dik l-informazzjoni. Tali komunikazzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti, relatati ma' miżuri ta' segwitu matul jew wara l-kontrolli ta' informazzjoni regolatorji. L-obbligu li awtoritajiet kompetenti jaċċettaw l-informazzjoni li tkun saret disponibbli elettronikament mill-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li japplika wkoll kull meta l-atti tal-Unjoni jew il-liġi tal-Istati Membri koperti minn dan ir-Regolament ikunu jeħtieġu informazzjoni li tkun ukoll imsemmija fil-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti bħall-konvenzjonijiet li jirregolaw il-kuntratti tat-trasport internazzjonali fil-modi tat-trasport differenti, pereżempju l-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ta' Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bit-Triq (CMR), il-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF), ir-Riżoluzzjoni 672 dwar il-Polza tal-vjeġġ bl-ajru elettroniku, il-Konvenzjoni ta' Montreal, u l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar il-Kuntratt tat-Trasport ta' Merkanzija permezz ta' Passaġġi tal-Ilma Interni (CMNI).

(6) Peress li dan ir-Regolament huwa maħsub biss biex jiffaċilita u jħeġġeġ l-għoti tal-informazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-korpi amministrattivi, u speċifikament b'mezzi elettroniċi, jenħtieġ li dan ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni jew tal-liġi nazzjonali li jiddeterminaw il-kontenut tal-informazzjoni regolatorja u, b'mod partikolari, jenħtieġ li ma jimponu l-ebda rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja jew rekwiżiti lingwistiċi addizzjonali. Filwaqt li dan ir-Regolament huwa maħsub biex jippermetti l-konformità marrekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja permezz ta' mezzi elettroniċi iktar milli permezz ta' dokumenti stampati, jenħtieġ li dan ma jaffettwax b'mod ieħor il-possibbiltà li l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jippreżentaw dik l-informazzjoni f'format stampat, kif previst fl-atti tal-Unjoni jew tal-Istati Membri rilevanti, u lanqas id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar rekwiżiti li jirrigwardaw id-dokumenti li għandhom jintużaw għall-preżentazzjoni strutturata tal-informazzjoni inkwistjoni. Fir-rigward tar-Regolament (KE) 1013/2006⁴, id-dispożizzjonijiet li fihom rekwiżiti proċedurali għal vjeġġi [...] ta' skart u d-dispożizzjonijiet li jirreferu għal kontrolli mill-uffiċċji doganali jenħtieġ li jibqgħu mhux affettwati minn dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi ta' rapportar, inkluż fir-rigward tal-kompetenzi doganali jew kompetenzi ta' awtoritajiet oħra, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 952/2013⁵ jew fatti ta' implimentazzjoni jew delegati adottati skont it-termini tiegħu jew fir-Regolament (UE) Nru XXX/2019 dwar l-EMSWe.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (*ĠUL 190, 12.7.2006, p. 1*).

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (*ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1*).

- (7) L-użu ta' mezzi elettroniċi għall-iskambju ta' informazzjoni regolatorja jista' jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi għall-operaturi tat-trasport u jista' jtejjeb l-effiċjenza tal-awtoritajiet kompetenti. Kemm l-operaturi kif ukoll l-awtoritajiet ikollhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, inkluż l-akkwist tat-tagħmir neċessarju, għal skambji elettroniċi f'format li jista' jinqara minn magna permezz tal-pjattaformi tal-eFTI. Madankollu, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jibqgħu responsabbli li jipprovdu informazzjoni f'format li jista' jinqara mill-bniedem kull meta speċifikament mitluba mill-awtoritajiet kompetenti biex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet tagħhom f'sitwazzjonijiet meta l-aċċess għall-pjattaforma tal-eFTI ma jkunx disponibbli.
- (8) Sabiex l-operaturi jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni rilevanti f'forma elettronika bl-istess mod fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu joqogħdu fuq speċifikazzjonijiet komuni li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.
- (8a) L-ispeċifikazzjonijiet komuni dwar id-definizzjoni u l-karatteristiċi tekniċi għall-elementi tad-data jenħtieġ li jiżguraw, l-ewwel nett, l-interoperabbiltà tad-data billi jistabbilixxu sett uniku komprensiv ta' data li għandu jintuża għall-komunikazzjoni elettronika tal-informazzjoni. Dan is-sett ta' data komprensiv jenħtieġ li jkun fih l-elementi kollha tad-data li jikkorrispondu għar-rekwiżiti ta' informazzjoni li jinsabu f'kull wieħed mill-atti legali rispettivi tal-Unjoni u tal-Istat Membru, fejn l-elementi tad-data kollha komuni għal sottosett wieħed jew aktar jiġu inklużi darba biss.
- (8b) Jenħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet komuni jistabbilixxu proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-aċċess u l-ipproċessar ta' dik l-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż kwalunkwe komunikazzjoni relatata bejn l-awtoritajiet u l-operaturi ekonomiċi, bħal talbiet għal informazzjoni addizzjonali, meħtieġa biex l-awtoritajiet jeżerċitaw il-kompetenzi regolatorji rispettivi tagħhom fil-qasam tal-infurzar f'konformità mal-atti rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

- (9) Fid-definizzjoni ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet, jenħtieġ li jitqiesu b'mod xieraq l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tal-iskambju tad-data stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni u fl-istandards Ewropej u internazzjonali rilevanti għall-iskambju tad-data, inkluż standards multimodali, kif ukoll il-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet stipulati fil-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà⁶, li jipprovdi approċċ għat-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali Ewropej miftiehma b'mod komuni mill-Istati Membri. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa wkoll biex dawn l-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu teknoloġikament newtrali u miftuħa għal teknoloġiji innovattivi.
- 9(a) Bil-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż kemm għall-awtoritajiet kif ukoll għall-operaturi, jista' jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' punti ta' aċċess għall-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-punti ta' aċċess jagħtu biss bħala intermedjarji bejn il-pjattaformi tal-eFTI u l-awtoritajiet kompetenti, u għalhekk jenħtieġ li la jaħżnu u lanqas jipproċessaw id-data tal-eFTI li għaliha jagħtu aċċess, ħlief għall-metadata marbuta mal-ipproċessar tad-data tal-eFTI, bħar-reġistri tal-operazzjoni meħtieġa għal finijiet ta' monitoraġġ jew ta' statistika. Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jaqblu wkoll li jistabbilixxu punti ta' aċċess konġunti għall-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom.
- (10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti funzjonali applikabbli għal pjattaformi bbażati fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) (pjattaformi tal-eFTI) li jenħtieġ li jintużaw mill-operaturi ekonomiċi biex jagħmlu disponibbli l-informazzjoni regolatorja dwar it-trasport tal-merkanzija f'format elettroniku (eFTI) lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni obligatorja ta' din l-informazzjoni mill-awtoritajiet, kif stipulat f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll rekwiżiti għal fornituri terzi ta' servizzi tal-pjattaformi tal-eFTI (fornituri ta' servizzi tal-eFTI). Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-data tal-eFTI kollha tista' tiġi pproċessata biss skont sistema komprensiva ta' kontroll tal-aċċess - ibbażata fuq id-drittijiet li tipprovdi funzjonalitajiet assenjati; li l-awtoritajiet kompetenti kollha jista' jkollhom aċċess immedjat għal dik id-data skont il-kompetenzi regolatorji rispettivi tagħhom fil-qasam tal-infurzar; li l-ipproċessar ta' data personali jista' jirrispetta[...] d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679; u li l-ipproċessar ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva jista' jirrispetta[...] l-kunfidenzjalità ta' dik l-informazzjoni.

⁶ Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – Strateġija ta' Implimentazzjoni, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, (COM(2017) 134).

- (10a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet rigward ir-rekwiżiti funzjonali għall-pjattaformi tal-eFTI. Meta jiġu adottati dawn l-ispeċifikazzjonijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfittex li tiżgura l-interoperabbiltà tal-pjattaformi tal-eFTI, li tiffaċilita l-iskambju ta' data bejn dawn il-pjattaformi u tippermetti lill-operaturi ekonomiċi jużaw kwalunkwe pjattaforma tal-għażla tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni u jiġu minimizzati l-ispejjeż, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis ukoll is-soluzzjonijiet u l-istandards tekniċi rilevanti użati mis-sistemi eżistenti tal-ICT. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li dawk l-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu teknoloġikament newtrali kemm jista' jkun possibbli, sabiex titħeġġeġ l-innovazzjoni kontinwa u jiġi evitat lock-in teknoloġiku.
- (11) Biex tinbena l-fiduċja kemm tal-awtoritajiet kif ukoll ta' operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-konformità tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI ma' dawk ir-rekwiżiti funzjonali, l-Istati Membri jenħtieġ li jdaħħlu fis-seħħ sistema ta' ċertifikazzjoni msejsa fuq akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. Biex jieħdu vantaġġ mill-benefiċċji ta' din iċ-ċertifikazzjoni, il-fornituri tas-sistemi tal-ICT li diġà qed jintużaw huma mħeġġa jfittxu l-konformità ta' dawk is-sistemi mar-rekwiżiti għall-pjattaformi tal-eFTI stabbiliti f'dan ir-Regolament, u japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni. Iċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi tal-ICT jenħtieġ li ssir mingħajr dewmien.
- (11a) L-użu ta' pjattaformi tal-eFTI jagħti lill-operaturi ekonomiċi aċċettazzjoni garantita ta' informazzjoni regolatorja u lill-awtoritajiet kompetenti aċċess affidabbli u sikur għal din l-informazzjoni. Madankollu, u minkejja l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti kollha li jaċċettaw l-informazzjoni disponibbli permezz ta' pjattaforma tal-eFTI ċċertifikata f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-użu ta' sistemi elettroniċi oħra jenħtieġ li jibqa' possibbli, jekk Stat Membru jagħżel dan. Fl-istess ħin, dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni l-użu bejn in-negozji, kif ukoll funzjonalitajiet addizzjonali, tal-pjattaformi tal-eFTI, sakemm dan ma jaffettwax l-ipproċessar tal-informazzjoni regolatorja li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p.30).

- (12) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-obbligu li tiġi aċċettata informazzjoni regolatorja disponibbli f'format elettroniku skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸.
- (13) B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi proċeduri komuni u regoli dettaljati għall-awtoritajiet kompetenti għall-aċċess u għall-ipproċessar ta' dik l-informazzjoni fejn l-operaturi ekonomiċi inkwistjoni jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli b'mod elettroniku, inklużi regoli dettaljati u speċifikazzjonijiet tekniċi.
- (14) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni biex din tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti għall-pjattaformi tal-eFTI u għall-fornituri tas-servizzi tal-eFTI.
- (15) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta'dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex:
- temenda l-Parti B tal-Anness I, sabiex tinkorpora l-listi ta' rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri notifikata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament;
 - temenda l-Parti A tal-Anness I biex tqis kwalunkwe att delegat jew ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni li jistabbilixxi rekwiżiti ġodda ta' informazzjoni regolatorja tal-Unjoni fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija;

⁸ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- temenda l-Parti B tal-Anness I biex tinkorpora kwalunkwe dispożizzjoni ġdida tal-liġi nazzjonali rilevanti li tintroduċi bidliet fir-rekwiżiti regolatorji nazzjonali ta' informazzjoni, jew li tistabbilixxi rekwiżiti rilevanti ġodda ta' informazzjoni regolatorja li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament notifikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament;
- biex tistabbilixxi sett u sottosettijiet ta' data komuni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja rispettivi koperti minn dan ir-Regolament;
- tissupplimenta ċerti aspetti tekniċi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri fir-rigward tar-regoli taċ-ċertifikazzjoni tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI.

(16) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁹. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejġija ta' atti delegati. Barra minn hekk, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-fora xierqa, bħall-grupp ta' esperti stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 5921 ("Forum tat-Trasport u l-Loġistika Diġitali")¹⁰ huwa importanti fl-iżvilupp u t-thejġija ta' daww l-atti.

⁹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

¹⁰ *Deċiżjoni C(2018) 5921 finali tat-13.09.2018. – daħħal ir-referenza sħiħa*

- (17) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżgurar ta' approċċ uniformi għall-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija disponibbli b'mod elettroniku, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-hteġa li jiġu stabbiliti regoli komuni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta ċerti miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (18) L-ipproċessar b'mezzi elettroniċi tad-data personali meħtieġa bħala parti mill-informazzjoni regolatorja tat-trasport tal-merkanzija jenħtieġ li jitwettaq skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹.
- (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tinġabar informazzjoni sabiex tinforma din l-evalwazzjoni, u sabiex il-prestazzjoni tal-leġislazzjoni fl-isfond tal-objettivi li din issewwi tiġi evalwata.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(19a) L-infurzar effettiv u effiċjenti jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti kollha jkollhom aċċess dirett u f'ħin reali għal informazzjoni regolatorja rilevanti f'forma elettronika. Għal dan il-għan, u f'konformità mal-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku", kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika", l-użu ta' mezzi elettroniċi jenħtieġ li jsir il-mod predominanti għall-iskambju ta' informazzjoni regolatorja bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kompetenti. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta inizjattivi possibbli bil-ħsieb li tistabbilixxi obbligu għall-operaturi ekonomiċi li jużaw mezzi elettroniċi biex jagħmlu l-informazzjoni regolatorja disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi, fejn xieraq, inizjattivi korrispondenti, inkluż reviżjonijiet possibbli ta' dan ir-Regolament u leġislazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni. Bil-ħsieb li jitjiebu l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-awtoritajiet u jiġu minimizzati l-ispejjeż kemm għall-awtoritajiet kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis ukoll aktar miżuri bħall-interoperabbiltà msaħħa tas-sistemi u l-pjattaformi tal-ICT użati għar-reġistrazzjoni u l-ipproċessar ta' informazzjoni regolatorja u punt ta' aċċess komuni għal dawn is-sistemi u l-pjattaformi tal-ICT, kif previst f'atti legali differenti tal-UE fil-qasam tat-trasport.

- (20) Dan ir-Regolament ma jistax jiġi applikat b'mod effettiv qabel ma jidħlu fis-seħħ l-atti delegati u ta' implimentazzjoni previsti. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni għandha obbligu legali li tadotta dawn l-atti delegati u ta' implimentazzjoni u jenħtieġ li tibda taħdem fuqhom minnufih, sabiex tiżgura l-adozzjoni f'waqtha tal-ispeċifikazzjonijiet rilevanti, fejn possibbli, anke qabel l-iskadenzi rispettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-adozzjoni f'waqtha ta' dawn l-atti delegati u ta' implimentazzjoni hija essenzjali sabiex l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi jkollhom biżżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa f'konformità ma' dan ir-Regolament, u l-perijodi ta' applikazzjoni differenti f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti kif xieraq.
- (20a) Fl-istess ħin, l-obbligu ta' notifika tal-Istati Membri fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1(3) jenħtieġ li jitwettaq fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tadotta f'waqtu l-ewwel att delegat imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.
- (21) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² u ta' opinjoni nhar xx XXX 20xx¹³,

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

¹³ ĠU C....

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp tal-applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali għall-komunikazzjoni elettronika ta' informazzjoni regolatorja bejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati u l-awtoritajiet kompetenti marbuta mat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni. Għal dak l-għan, dan ir-Regolament:
 - (a) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jaċċettaw informazzjoni regolatorja meta ssir disponibbli b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi involuti;
 - (b) jistabbilixxi regoli għall-forniment ta' servizzi relatati mad-disponibbiltà elettronika ta' informazzjoni regolatorja mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati lill-awtoritajiet kompetenti.
2. Dan ir-Regolament japplika:
 - (a) għar-rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja li jinsabu:
 - fir-Regolament tal-Kunsill KEE Nru 11¹⁴, Artikolu 6(1);
 - fid-Direttiva 92/106/KEE¹⁵, Artikolu 3;

¹⁴ Kunsill KEE: Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 11 dwar it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 79 (3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni speċjali bl-Ingliż: Serje I Volum 1959-1962 p. 60).

¹⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar il-ħolqien ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38).

- fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009¹⁶, l-artikolu 8(3);
- fir-Regolament (KE) Nru 1013/2006¹⁷, l-Artikolu 16(c) u l-Artikolu 18(1);
- fir-rigward tad-Direttiva 2008/68/KE¹⁸, il-kapitolu 5.4 tal-Annessi tar-RID, l-ADR u l-ADN kif imsemmija fl-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1 ta' dik id-Direttiva¹⁹.

Fir-rigward tar-Regolament (KE) 1013/2006, dan ir-Regolament ma japplikax għal kontrolli mill-uffiċċji doganali, kif previst fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Unjoni.

- (b) ir-rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja stipulati f'att delegat jew ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont l-atti leġislattivi msemmija fil-punt (a) jew skont id-Direttiva 2016/797/UE²⁰ jew ir-Regolament (KE) Nru 300/2008²¹. Dawk l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni għandhom jiġu elenkati fil-parti A tal-Anness I.
- (c) ir-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja stipulati fil-liġi nazzjonali u elenkati fil-Parti B tal-Anness I.

¹⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (*ĠUL 300, 14.11.2009, p. 72*).

¹⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (*ĠUL 190, 12.7.2006, p. 1*).

¹⁸ Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, (*ĠUL 260, 30.9.2008, p. 13–59*).

¹⁹ Ir-referenzi għall-ADR, l-RID u l-ADN għandhom jinftehem skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), 2(2) u 2(3) tad-Direttiva 2008/68/KE.

²⁰ Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (*ĠUL 138, 26.5.2016, p. 44*).

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (*ĠUL 97, 9.4.2008, p. 72*).

3. Sa [UP daħħal sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali u r-reqwiżiti ta' informazzjoni regolatorja korrispondenti li jirrikjedu l-għoti ta' informazzjoni identika, kollha jew parti minnha, għall-informazzjoni li għandha tingħata skont ir-reqwiżiti tal-informazzjoni regolatorja msemmija fil-paragrafi 2(a) u 2(b).

Wara dik in-notifika, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-liġi li:

- (a) tintroduċi bidliet għar-reqwiżiti ta' informazzjoni regolatorja elenkati fil-parti B tal-Anness I; jew
- (b) tistipula reqwiżiti regolatorji rilevanti ġodda għall-informazzjoni[...] identiċi, kompletament jew parzjalment, għall-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont ir-reqwiżiti tal-informazzjoni regolatorja msemmija fil-paragrafi 2(a) u 2(b).

L-Istati Membri għandhom jagħmlu dawn in-notifiki fi żmien xahar mill-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Artikolu 2

Adattament tal-Anness I

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13, u temenda l-Anness I sabiex:

- (a) jinkludi referenza għal kwalunkwe reqwiżit ta' informazzjoni regolatorja msemmi fl-Artikolu 1(2)(b);
- (b) jinkorpora jew iħassar ir-referenzi għal-liġi nazzjonali u għar-reqwiżiti ta' informazzjoni regolatorja skont in-notifiki magħmula skont l-Artikolu 1(3).

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "informazzjoni regolatorja" tfisser informazzjoni, kemm jekk ippreżentata bħala dokument u kemm jekk le, relatata mat-trasport tal-merkanzija fit-territorju tal-Unjoni, inkluż permezz ta' tranżitu, li għandha ssir disponibbli minn operatur ekonomiku kkonċernat skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) sabiex tagħti prova tal-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-atti kkonċernati;
- (1) "rekwiżit tal-informazzjoni regolatorja" tfisser rekwiżit biex tiġi provduta informazzjoni regolatorja;
- (2a) "awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li għandu l-kompetenza li jwettaq kompiti taħt l-atti msemmija fl-Artikolu 1(2) u li għalih l-aċċess għal informazzjoni regolatorja huwa meħtieġ, bħall-iċċekkjar, l-infurzar, il-validazzjoni jew il-monitoraġġ tal-konformità fit-territorju ta' Stat Membru;
- (2) "informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija" (eFTI) tfisser kwalunkwe sett ta' elementi ta' data pproċessati fuq pjattaforma elettronika għall-finijiet ta' skambju ta' informazzjoni regolatorja fost l-operaturi ekonomiċi kkonċernati u mal-awtoritajiet kompetenti;
- (3a) "sottosett ta' data tal-eFTI" tfisser is-sett ta' elementi tad-data strutturati li jikkorrispondu għall-informazzjoni regolatorja meħtieġa f'att legali speċifiku tal-Unjoni jew tal-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 1(2).
- (3b) "sett ta' data komuni tal-eFTI" tfisser is-sett komprensiv ta' elementi tad-data strutturati li jikkorrispondu għas-sottosettijiet tad-data tal-eFTI kollha, meta l-elementi tad-data komuni għas-sottosettijiet differenti tad-data tal-eFTI jkunu inklużi darba biss;

- (3c) "element ta' data" tfisser l-ickien unità ta' informazzjoni li għandha definizzjoni unika u karatteristiċi tekniċi preċiżi bħall-format, it-tul u t-tip ta' karattru;
- (3) "ipproċessar" tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jitwettqu fuq eFTI, kemm jekk b'mezzi awtomatizzati u kemm jekk mingħajrom, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;
- (4a) "reġistru ta' operazzjoni" tfisser rekord awtomatizzat tal-ipproċessar elettroniku tal-eFTI.
- (4) "pjattaforma tal-eFTI" tfisser kwalunkwe soluzzjoni bbażata fuq it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), bħal sistema operattiva, ambjent operattiv jew bażi tad-data, maħsuba biex tintuża għall-ipproċessar tal-eFTI;
- (5) "żviluppatur ta' pjattaforma tal-eFTI" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li żviluppat jew akkwistat pjattaforma tal-eFTI għal finijiet ta' pproċessar ta' informazzjoni regolatorja relatata mal-attività ekonomika tagħha stess, jew biex tqiegħed dik il-pjattaforma fis-suq;
- (6) "servizz tal-eFTI" tfisser servizz li jikkonsisti fl-ipproċessar tal-eFTI permezz ta' pjattaforma tal-eFTI, waħedha jew flimkien ma' soluzzjonijiet oħra tal-ICT, inklużi pjattaformi oħra tal-eFTI;
- (7) "fornitur ta' servizz tal-eFTI" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizz tal-eFTI lil operaturi ekonomiċi kkonċernati abbażi ta' kuntratt;
- (8) "operatur ekonomiku kkonċernat" tfisser kwalunkwe operatur tat-trasport jew loġistiku, jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra, li tkun responsabbli biex tagħmel disponibbli informazzjoni regolatorja lill-awtoritajiet kompetenti skont ir-rekwiżit tal-informazzjoni regolatorja rilevanti;
- (9) "format li jista' jinqara mill-bniedem" tfisser mezz ta' rappreżentazzjoni tad-data f'forma elettronika li jista' jintuża bħala informazzjoni minn persuna fiżika mingħajr ma teħtieġ aktar proċessar;

- (10) "format li jista' jinqara mill-magni" tfisser mezz ta' rappreżentazzjoni tad-data f'forma elettronika li jista' jintuża għall-ipproċessar awtomatiku permezz ta' magna;
- (11) "korp ta' valutazzjoni tal-konformità" tfisser korp ta' valutazzjoni tal-konformità skont it-tifsira tal-punt 13 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li huwa akkreditat skont dak ir-Regolament biex iwettaq valutazzjoni tal-konformità ta' pjattaforma tal-eFTI jew ta' fornitur ta' servizz tal-eFTI[...]
- (12) "vjeġġ" tfisser it-trasport ta' sett determinat ta' oġġetti, inkluż l-iskart, bejn l-ewwel post ta' ġbir u l-post finali tal-konsenja skont it-termini ta' kuntratt ta' trasport uniku jew kuntratti tat-trasport konsekuttivi multipli, inkluż, fejn applikabbli, it-trasferiment bejn il-modi differenti ta' trasport, irrispettivament mill-kwantità jew l-għadd ta' kontenituri, pakketti, jew biċċiet ikkonċernati.

KAPITOLU II

INFORMAZZJONI REGOLATORJA MAGĦMULA DISPONIBBLI B'MOD ELETTRONIKU

Artikolu 4

Rekwiżiti għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati

Għall-finijiet tal-Artikolu 5(1), l-operaturi ekonomiċi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Fejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati jagħmlu disponibbli informazzjoni regolatorja b'mod elettroniku lil awtorità kompetenti, għandhom jagħmlu dan abbażi ta' data pproċessata fi pjattaforma ċertifikata tal-eFTI u, jekk applikabbli, minn fornitur tas-servizzi tal-eFTI ċertifikat. L-informazzjoni regolatorja għandha ssir disponibbli mill-operaturi ekonomiċi f'format li jista' jinqara mill-magni u, fuq talba tal-awtorità kompetenti, f'format li jista' jinqara mill-bniedem.

L-informazzjoni f'format li jista' jinqara mill-magni għandha ssir disponibbli permezz ta' konnessjoni awtentikata u sigura mas-sors tad-data ta' pjattaforma tal-eFTI. L-operaturi ekonomiċi kkonċernati għandhom jikkomunikaw il-link ta' identifikazzjoni elettronika unika msemmija fl-Artikolu 8(1) paragrafu (c) li jippermetti lill-awtorità kompetenti biex tidentifika b'mod uniku l-informazzjoni regolatorja relatata mal-vjeġġ.

L-informazzjoni f'format li jista' jinqara mill-bniedem mitluba mill-awtoritajiet kompetenti għandha ssir disponibbli fuq il-post, fuq l-iskrin ta' apparat elettroniku li jkun proprjetà tal-operatur ekonomiku kkonċernat.

Artikolu 5

Rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti

1. Minn [30 xahar] wara d-dħul fis-seħħ tal-ewwel mill-atti delegati u ta' implimentazzjoni fl-Artikoli 7 u 7a, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw informazzjoni regolatorja magħmula disponibbli b'mod elettroniku mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati skont l-Artikolu 4, inkluż fejn tali informazzjoni regolatorja tkun mitluba mill-awtoritajiet kompetenti bħala informazzjoni addizzjonali.

Meta l-operatur ekonomiku kkonċernat ikun għamel disponibbli b'mod elettroniku, skont l-Artikolu 4, l-informazzjoni regolatorja meħtieġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar vjeġġi ta' skart, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jaċċettaw din l-informazzjoni regolatorja wkoll mingħajr il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 26(3) u (4) ta' dak ir-Regolament.

Meta l-informazzjoni regolatorja meħtieġa f'att legali speċifiku tal-Unjoni jew tal-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 1(2) tkun tinkludi validazzjoni uffiċjali, bħal timbri jew ċertifikati, l-awtorità rispettiva għandha tipprovi din il-validazzjoni b'mod elettroniku, skont ir-rekwiżiti stabbiliti skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 7a.

2. Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom kollha jaċċessaw u jipproċessaw l-informazzjoni regolatorja pprovduta mill-operaturi ekonomiċi skont l-Artikolu 4. Dawk il-miżuri għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 7a.

Artikolu 6
Informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali

L-awtoritajiet kompetenti, il-fornituri tas-servizzi tal-eFTI u l-operaturi ekonomiċi inkwistjoni għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali pproċessata u skambjata f'konformità ma' dan ir-Regolament u jiżguraw li l-informazzjoni tista' tiġi aċċessata u pproċessata f'każijiet awtorizzati biss.

Artikolu 7
Sett ta' data komuni tal-eFTI

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 biex tistabbilixxi u temenda s-sett ta' data u s-sottosettijiet ta' data komuni tal-eFTI fir-rigward tar-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja rispettivi, kif imsemmi fl-Artikolu 1(2), inkluż speċifikazzjonijiet korrispondenti dwar id-definizzjoni u l-karatteristiċi tekniċi għal kull element ta' data inkluż fis-sett u s-sottosettijiet tad-data komuni;
2. Meta tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha:
 - a) tqis il-konvenzjonijiet internazzjonali u l-atti tal-Unjoni rilevanti; u
 - b) tfittex li tiżgura l-interoperabilità tas-sett ta' data komuni tal-eFTI u s-sottosettijiet tad-data b'mudelli ta' data rilevanti aċċettati internazzjonalment jew fil-livell tal-Unjoni, inkluż mudelli ta' data multimodali.
3. L-ewwel tali att delegat li jkopri l-elementi kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi adottat mhux aktar tard minn [30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Artikolu 7a

Proċeduri u regoli komuni għall-aċċess

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi proċeduri komuni u regoli dettaljati, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, għall-aċċess mill-awtoritajiet kompetenti għall-pjattaformi tal-eFTI, inkluż proċeduri għall-ipproċessar tal-informazzjoni regolatorja u għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-operaturi ekonomiċi fir-rigward ta' dik l-informazzjoni.
2. Meta tadotta l-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tfittex li ttejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri amministrattivi u timminimizza l-ispejjeż tal-konformità kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-awtoritajiet ikkonċernati.
3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni li jkopri l-elementi kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi adottat mhux aktar tard minn [30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

KAPITOLU III
PJATTAFORMI U SERVIZZI TAL-EFTI

TAQSIMA 1

REKWIŻITI GĦALL-PJATTAFORMI U GĦAS-SERVIZZI TAL-EFTI

Artikolu 8

Rekwiżiti funzjonali għall-pjattaformi tal-eFTI

1. Il-pjattaformi tal-eFTI użati għall-ipproċessar tal-informazzjoni regolatorja għandhom jipprovdu funzjonalitajiet li jiżguraw li:
 - (a) id-data personali tkun tista' tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679²²;
 - (b) id-data kummerċjali tkun tista' tiġi pproċessata f'konformità mal-Artikolu 6;
 - (ba) awtoritajiet kompetenti jistgħu jaċċessaw u jipproċessaw id-data f'konformità mal-Artikolu 7;
 - (bb) operaturi ekonomiċi kkonċernati jistgħu jagħmlu l-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 4.

²² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (*ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1*).

- (c) tista' tiġi stabbilita rabta ta' identifikazzjoni elettronika unika bejn vjeġġ u l-elementi tad-data tal-eFTI relatati, inkluż referenza strutturata għall-pjattaforma tal-eFTI fejn id-data tkun disponibbli, bħal identifikatur uniku ta' referenza;
- (d) id-data tkun tista' tiġi pproċessata biss abbażi ta' aċċess awtorizzat u awtentikat;
- (e) l-ipproċessar kollu ta' data jiġi rreġistrat kif xieraq f'reġistri tal-operazzjonijiet sabiex jippermetti, bħala minimu, l-identifikazzjoni ta' kull operazzjoni distinta ta' pproċessar, il-persuna fiżika jew ġuridika li tkun wettqet l-operazzjoni u s-sekwenzar tal-operazzjonijiet fuq kull element individwali tad-data; jekk operazzjoni tkun tinvolvi l-modifika jew it-tħassir ta' element ta' data eżistenti, l-element tad-data oriġinali għandu jiġi ppreservat;
- (f) id-data tista' tiġi arkivjata u tibqa' aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti skont id-dritt tal-Unjoni u nazzjonali li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja rispettivi;
- (fa) ir-reġistri tal-operazzjonijiet imsemmija fil-punt (e) jiġu arkivjati u jibqgħu aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti, għal finijiet ta' awditjar, għall-perijodu ta' żmien speċifikat fil-leġislazzjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja rispettiva u, għal finijiet ta' monitoraġġ, għall-perijodi ta' żmien imsemmija fl-Artikolu 16.
- (g) id-data tkun protetta kontra l-korruzzjoni u s-serq;
- (h) l-elementi tad-data pproċessati jikkorrispondu għas-sett u għas-sottosettijiet ta' data komuni tal-eFTI kif stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7, u jistgħu jiġu pproċessati bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni kif stipulat fl-att li jistabbilixxi r-rekwiżiti rispettivi tal-informazzjoni regolatorja.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2). Meta tadotta dawk l-ispeċifikazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha:

- tfittex li tiżgura l-interoperabbiltà tal-pjattaformi tal-eFTI;

- tqis soluzzjonijiet u standards tekniċi eżistenti rilevanti;

- tiżgura li dawk l-ispeċifikazzjonijiet jibqgħu, sa fejn l-aktar possibbli, teknoloġikament newtrali.

L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni li jkopri l-elementi kollha msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jiġi adottat mhux aktar tard minn [3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.]

Artikolu 9

Rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi tal-eFTI

1. Il-fornituri ta' servizzi tal-eFTI għandhom jiżguraw li:
 - (a) id-data tiġi pproċessata biss minn utenti awtorizzati u skont drittijiet tal-ipproċessar iddefiniti u assenjati b'mod ċar fi ħdan il-pjattaforma tal-eFTI, f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-informazzjoni regolatorja;
 - (b) id-data tkun maħżuna u aċċessibbli skont id-dritt tal-Unjoni u nazzjonali li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-informazzjoni regolatorja rispettivi;
 - (c) l-awtoritajiet kompetenti għandhom aċċess immedjat għal informazzjoni regolatorja dwar operazzjoni tat-trasport tal-merkanzija pproċessata permezz tal-pjattaformi tal-eFTI tagħhom, mingħajr ħlas jew tariffi;
 - (d) id-data tkun żgurata b'mod xieraq, inkluż kontra pproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra telf aċċidentali, qerda jew ħsara.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2). L-ewwel tali att ta' implimentazzjoni li jkopri l-elementi kollha msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jiġi adottat mhux aktar tard minn [3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

TAQSIMA 2

ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 10

Korpi ta' valutazzjoni tal-konformità

1. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom ikunu akkreditati skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 għall-finijiet tat-twettiq taċ-ċertifikazzjoni tal-pjattaformi u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 12 ta' dan ir-Regolament.
2. Għall-finijiet tal-akkreditazzjoni, korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II. Il-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni għandhom jikkomunikaw lill-awtorità nominata skont il-paragrafu 3 il-link għas-sit web fejn jagħmlu pubblika l-informazzjoni disponibbli dwar il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditati, inkluż lista aġġornata ta' dawn il-korpi.
3. Kull Stat Membru [...] għandu jaħtar awtorità li għandha żżomm lista aġġornata tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditati, tal-pjattaformi tal-eFTI u tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI li jkollhom ċertifikazzjoni valida abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont l-Artikoli 10(2), 11(2) u 12(2). Dawk l-awtoritajiet nominati għandhom jagħmlu dik il-lista disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit uffiċjali tal-internet tal-gvern.
4. Sal-31 ta' Marzu kull sena, l-awtoritajiet nominati tal-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-lista msemmija fil-paragrafu 3 lill-Kummissjoni, flimkien mal-indirizz tas-sit elettroniku fejn dik il-lista tkun ġiet ippubblikata. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ħolqa għal dawk l-indirizzi fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha.

Artikolu 11

Ċertifikazzjoni tal-pjattaformi tal-eFTI

1. Fuq talba minn żviluppatur ta' pjattaforma tal-eFTI, il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jivvalutaw il-konformità tal-pjattaforma tal-eFTI mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(1). F'każ ta' valutazzjoni pożittiva, għandu jinħareġ ċertifikat ta' konformità. Jekk il-valutazzjoni tkun negattiva, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jipprovdi l-ġustifikazzjoni meħtieġa lill-applikant.
2. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom iżommu lista aġġornata tal-pjattaformi tal-eFTI li jkunu ċertifikaw u li għaliha jkunu rtiraw jew issospendew iċ-ċertifikazzjoni. Din il-lista għandhom jagħmluha disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħhom u għandhom jikkomunikaw il-link għal dak l-indirizz tas-sit web lill-awtorità kompetenti nominata msemmija fl-Artikolu 10(3).
3. L-informazzjoni li ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz ta' pjattaforma tal-eFTI ċertifikata għandha tkun akkumpanjata minn marka ta' ċertifikazzjoni.
4. L-iżviluppatur tal-pjattaforma tal-eFTI għandu japplika għal valutazzjoni mill-ġdid ta' ċertifikazzjoni tiegħu jekk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi adottati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2) jiġu riveduti.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni[...], u l-użu tal-marka ta' ċertifikazzjoni, inkluż dwar it-tiġdid, is-sospensjoni u l-irtirar ta' ċertifikazzjoni tal-pjattaformi tal-eFTI.

Artikolu 12

Ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI

1. Fuq talba minn fornitur ta' servizz tal-eFTI, il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jivvalutaw il-konformità tas-servizz tal-eFTI mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9(1). F'każ ta' valutazzjoni pożittiva, għandu jinħareġ ċertifikat ta' konformità. Jekk il-valutazzjoni tkun negattiva, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jipprovdi l-ġustifikazzjoni meħtieġa lill-applikant.
2. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom iżommu lista aġġornata tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI li jkunu ċertifikaw u li għaliha jkunu rtiraw jew issospendew iċ-ċertifikazzjoni. Din il-lista għandhom jagħmluha disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħhom u għandhom jikkomunikaw il-link għal dak l-indirizz tas-sit web lill-awtorità kompetenti nominata msemmija fl-Artikolu 10(3).
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament b'regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-fornituri tas-servizzi tal-eFTI, inkluż dwar it-tiġdid, is-sospensjoni u l-irtirar taċ-ċertifikazzjoni.

KAPITOLU IV
DELEGA TAS-SETGĦA U DISPOŻIZZJONIJIET TA'
IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 13

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 7, fl-Artikolu 11(5) u fl-Artikolu 12(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 2, fl-Artikolu 7, fl-Artikolu 11(5) u fl-Artikolu 12(3) tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.
6. L-att delegat adottat skont l-Artikoli 2, l-Artikolu 7, l-Artikolu 11(5) u l-Artikolu 12(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 14

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 15

Rieżami

1. Mhux iktar tard minn [erba' snin u nofs mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif stabbilit fl-Artikolu 17(2)], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tivvaluta inizzjattivi possibbli bil-ħsieb li b'mod partikolari:

- a) tistabbilixxi l-obbligu għall-operaturi ekonomiċi li jagħmlu disponibbli elettronikament informazzjoni regolatorja għall-awtoritajiet, f'konformità ma' dan ir-Regolament;
- b) tistabbilixxi aktar interoperabbiltà u interkonnnettività bejn l-ambjent tal-eFTI u s-sistemi u l-pjattaformi differenti tal-ICT użati għar-reġistrazzjoni u l-ipproċessar ta' informazzjoni regolatorja kif previst fl-atti legali differenti tal-UE fil-qasam tat-trasport.

Din il-valutazzjoni għandha tkopri b'mod partikolari l-emenda ta' dan ir-Regolament u leġislazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u għandha tkun akkumpanjata, fejn xieraq, minn proposta leġislattiva.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa stabbilita fl-Artikolu 16 għat-tnejn ta' dak ir-Rapport.

Artikolu 16

Monitoraġġ

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni kull ħames snin u għall-ewwel darba sa mhux aktar tard minn [tliet snin mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif stabbilit fl-Artikolu 17(2)]:

1. abbażi tar-reġistri tal-operazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 8(1)(e) u 8(1)(fa), l-għadd ta' drabi li l-awtoritajiet kompetenti jkunu aċċessaw u pproċessaw l-informazzjoni regolatorja disponibbli elettronikament mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati skont l-Artikolu 4.

L-informazzjoni għandha tingħata għal kull sena koperta mill-perijodu tar-rapportar.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Għandu japplika minn [UP daħħal erba' snin mid-dħul fis-seħħ].

3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 1(3), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 7, l-Artikolu 7a, l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 9(2), għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNES I

INFORMAZZJONI REGOLATORJA LI TAQA' FIL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TA'
DAN IR-REGOLAMENT

PARTI A - Rekwiżiti ta' informazzjoni regolatorja msemija fl-artikolu 1(2)b

Lista ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni msemija fl-artikolu 1(2)b:

- 1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/1998 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni: Anness 6.3.2.6 (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g).

PARTI B - Liġi tal-Istati Membri

Il-liġi nazzjonali rilevanti tal-Istati Membri li teħtieġ l-għoti ta' informazzjoni identika, kollha jew parti minnha, għall-informazzjoni speċifikata fil-punt a) u b) tal-Artikolu 1(2) hija elenkata hawn taħt.

[Stat Membru]

1) Att legali: [dispożizzjoni]

ANNEX II
REKWIŻITI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-KORPI TAL-VALUTAZZJONI TAL-
KONFORMITÀ

[...]

2. Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u għandu jkollu personalità ġuridika.
3. Korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp terz indipendenti mill-organizzazzjoni jew mill-pjattaforma tal-eFTI jew mill-fornitur tas-servizz tal-pjattaforma li huwa jevalwa.

Korp li jappartjeni għal assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tirrappreżenta impriżi involuti fid-disinn, il-manifattura, il-forniment, l-assemblaġġ, l-użu jew il-manutenzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI jew tal-fornitur tas-servizz tal-pjattaforma li jivvaluta jista', bil-kundizzjoni li juri l-indipendenza tiegħu u n-nuqqas ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, jitqies li huwa korp bħal dan.

4. Korp tal-valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-ġestjoni tiegħu u l-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjaturi, il-manifatturi, il-fornituri, l-installaturi, ix-xerrejja, is-sidien, l-utenti jew dawk li jagħmlu l-manutenzjoni tal-pjattaforma tal-eFTI jew tal-fornitur tas-servizz tal-pjattaforma li huma jevalwaw, u lanqas ir-rappreżentant ta' xi wieħed minn dawk il-partijiet.

Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità, il-maniġment superjuri tiegħu u l-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu direttament involuti fid-disinn, manifattura jew kostruzzjoni, kummerċjalizzazzjoni, installazzjoni, użu jew manutenzjoni ta' dik il-pjattaforma tal-eFTI jew tal-fornitur tas-servizz tal-pjattaforma, jew jirrappreżentaw lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet. Dawn ma għandhom ikunu involuti fl-ebda attività li tista' toħloq kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom huma jkunu notifikati. Dan għandu japplika, b'mod partikolari, għas-servizzi ta' konsulenza.

Korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità tagħhom.

5. Korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u l-persunal tagħhom għandhom iwettqu l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità bl-oġġla livell ta' integrità professjonali u l-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u perswazzjoni, b'mod partikolari finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.
6. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha tal-valutazzjoni tal-konformità assenjati lilu permezz tal-Artikoli 11 u 12, kemm jekk dawk il-kompiti jsiru mill-korp stess tal-valutazzjoni tal-konformità kif ukoll jekk f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu n-neċessitajiet li ġejjin:

- (a) persunal b'għarfien tekniku u esperjenza biżżejjed u xierqa biex iwettaq il-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità;
- (b) deskrizzjonijiet ta' proċeduri li f'konformità magħhom titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità, waqt li jiġu żgurati t-trasparenza u l-kapaċità ta' riproduzzjoni ta' dawk il-proċeduri.
- (c) proċeduri għall-prestazzjoni ta' attivitajiet li jqisu b'mod dovut id-daqs tal-impriża, is-settur li fih topera, l-istruttura tagħha u l-grad ta' kumplessità tat-teknoloġija kkonċernata.

Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu l-mezzi neċessarji biex ilesti x-xogħol tekniku u amministrattiv marbut mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità b'mod xieraq.

7. Il-persunal responsabbli biex iwettaq kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu dawn li ġejjin:
 - (a) taħriġ tekniku u vokazzjonali sod li jkopri l-attivitajiet kollha marbutin mal-valutazzjoni tal-konformità;
 - (b) għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet li jsiru minnhom u awtorità adegwata biex jagħmlu dawk il-valutazzjonijiet;
 - (c) għarfien u fehim xieraq tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9;
 - (d) il-kapaċità meħtieġa biex jifformula ċ-ċertifikati ta' konformità, rekords u rapporti li juru li l-evalwazzjonijiet ikunu saru.
8. Għandha tkun garantita l-imparzjalità tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-ogħla livell tal-ġestjoni tagħhom, u tal-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità.

Ir-remunerazzjoni tal-ogħla livell ta' amministrazzjoni u tal-persunal responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi min-numru ta' valutazzjonijiet imwettqa, u lanqas mir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.

9. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jipprovdu polza ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx assunta mill-Istat skont il-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità.

10. Il-persunal ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba meta jwettaq il-kompiti tiegħu skont l-Artikoli 11 u 12 jew kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li ddaħħlu fis-seħħ, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti .

11. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jipparteċipaw fi, jew jiżguraw li l-persunal responsabbli tagħhom għat-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità jkun infurmat dwar, l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti u l-attivitajiet regolatorji rilevanti.

